KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 23.9.2009
KUMM(2009) 506 finali

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 43/2009, fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet tal-ħut

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 43/2009 jistabbilixxi għall-2009 l-opportunitajiet tas-sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet Komunitarji, għal bastimenti Komunitarji, f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti tal-qbid.

Bħala konsegwenza tal-esklużjoni ta' gruppi ta' bastimenti mill-applikazzjoni tar-reġim tal-isforz skont ir-Regolament (KE) Nru 1342/2008 stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru [..]/2009, huwa meħtieġ li jsir aġġustament tal-isforz massimu permess allokat lil dawk l-Istati Membri fl-Anness IIa tar-Regolament (KE) Nru 43/2009.

Din il-proposta hija maħsuba biex tintroduċi l-emendi meħtieġa għar-Regolament (KE) Nru 43/2009.

Il-Kunsill huwa mitlub jadotta din il-proposta malajr kemm jista' jkun sabiex is-sajjieda jkunu jistgħu jippjanaw l-attivitajiet tagħhom għal dan l-istaġun tas-sajd.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 43/2009, fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet tal-ħut

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd[1] [il-Politika Komuni tas-Sajd], u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan għal perjodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 43/2009 tas-16 ta' Jannar 2009[3], jistabbilixxi għall-2009 l-opportunitajiet tas-sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet Komunitarji, għal bastimenti Komunitarji, f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti tal-qbid

(2) L-Anness IIa tar-Regolament (KE) Nru 43/2009 jistipula r-regoli għall-ġestjoni tal-isforz tas-sajd fil-kuntest tal-pjan ta' ġestjoni fit-tul tal-istokkijiet tal-merluzz stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1342/2008 u b'mod partikolari jistabbilixxi, fl-Appendiċi 1 ta' dak l-Anness, l-isforz massimu permess f'jiem kilowatt għal kull Stat Membru li jrid jitqiegħed fiż-żoni konċernati u mal-kategoriji tal-irkaptu konċernati. Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 754/2009 tas-27 ta' Lulju 2009 li jeskludi ċerti gruppi ta' bastimenti mir-reġim tal-isforz tas-sajd stabbilit fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008[4], kif emendat bir-Regolament (KE) Nru .../2009[5], huwa meħtieġ l-aġġustament tal-isforz massimu permess kif stipulat fl-Appendiċi 1 tal-Anness IIA tar-Regolament (KE) Nru 43/2009, billi jitnaqqsu, għall-Ġermanja mill-grupp tal-isforz TR1, 169 179 jiem kilowattfiż-żona b) u 9 295 jiem

---

1 ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.
2 ĠU L 348, 24.12.2008, p. 20.
3 ĠU L 22, 26.1.2009, p. 1.
4 ĠU L 214, 19.8.2009, p. 16.
5 ĠU L [..], [..].[..].2009, p. [..].

kilowatt fiż-żona d), u għal Franza fiż-żona d) 1 569 719 jiem kilowatt mil—grupp tal-isforz TR1 u 96 903 jiem kilowatt mill-grupp tal-isforz GN1 u għal Spanja fiż-żona d) 1 402 142 jiem kilowatt mill-grupp tal-isforz LL. Fid-dawl tal-applikazzjoni retroattiva tar-Regolament (KE) Nru [..]/2009 mill-1 ta' Frar 2009, dawn l-aġġustamenti għandhom japplikaw mill-istess data.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 43/2009 għalhekk għandu jiġi emendat skont dan.

(4) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza għas-sajjieda kkonċernati u sabiex dawn ikunu jistgħu jippjanaw l-attivitajiet tagħhom għall-istaġun attwali tas-sajd, malajr kemm jista' jkun, huwa essenzjali li tingħata eċċezzjoni għall-perjodu ta' sitt ġimgħat imsemmi fit-Titolu I, l-Artikolu 3, tal-Protokoll dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 43/2009

L-Appendiċi 1 għall-Anness IIA tar-Regolament (KE) Nru 43/2009 qed tiġi emendata kif ġej:

1) Fit-tabella b), il-kolonna li tikkonċerna l-Ġermanja tinbidel b'dan li ġej:

DE
2 057 354
600 089
3 501
29 822
1 893 044
227 773
516
0

2) Fit-tabella d):

a) il-kolonna li tirrigwarda l-Ġermanja tinbidel b'dan li ġej:

DE
15780
0
0
0
0
35531
0
0

b) il-kolonna li tirrigwarda lil Franza tinbidel b'dan li ġej:

FR
1 128 383
5 881
0
506
11 692
0
0
54 917

c) il-kolonna li tirrigwarda lil Spanja tinbidel b'dan li ġej:

ES
0
0
0
0
0
13 836
0
0

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Frar 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

.